MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 561/2004

**Joseph u Lucia konjugi Parnis, u Nicholas u Krista D'Ancona**

**vs**

**Salvina Grima**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex taghmel xoghlijiet ta' tiswija fil-fond proprjeta' taghha u cioe l-fond numru sitta (6) Triq San Gwann, Mosta u dan peress illi kawza tal-istess hsarat, l-atturi qieghdin igarrbu hsarat konsiderevoli fil-proprjetajiet rispettivi taghhom u adjacenti ghall-fond imsemmi tal-konvenuta;**

**Fin-nuqqas, u/jew alternattivament, jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-konvenuta thallas is-somma ta' elfejn sitta u sebghin Lira Maltin, (LM2,076.00,0), rapprezentanti danni sofferti mill-mittenti konsistenti fit-tigrif tal-propjeta' taghhom, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra interpellatorja u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attruri sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-16 ta' Frar tas-sena 20053 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------